

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Rikonossiment u infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti>Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

Ġermanja

1 Xi tfixxer eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Eżekuzzjoni obligatorja (*Zwangsvollstreckung*) hija l-proċedura użata biex tiġi eżegwita pretensjoni tad-dritt privat b'kompulsjoni pubblika. L-Istat għandu s-setgħa li jeżegwixxi, u jopera permezz tar-rappreżentanti tiegħu b'konformità mal-awtorità sovrana tiegħu.

Dawn il-miżuri ta' eżekuzzjoni huma disponibbli biex iġiegħlu lid-debitur jissodisfa obligu impost fuqu biex jagħmel pagament, iwettaq azzjoni, eċċ.:

Ordni ta' sekwestru (*Pfändung*) ta' oġġetti

Ordni ta' sekwestru ta' ammonti riċevibbli u assi oħrajn miżmuma mid-debitur (b'mod partikulari, ordni ta' sekwestru ta' rikavati)

Dikjarazzjoni tal-assi mid-debitur (*Vermögensauskunft*)

Miżuri koerċittivi (*Zwangsmassnahmen*) li jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu jew iżommu lura minnhom

Bejgħ furzat (*Zwangsversteigerung*)

Riċevituri (*Zwangsverwaltung*)

Eżekuzzjoni obligatorja fil-Ġermanja hija rregolata minn §§ 704 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung* – ZPO) u mill-Att dwar Bejgħ Furzat u Riċevituri (*Gesetz über die Zwangsversteigerung und Zwangsverwaltung* – ZVG).

Ir-Regolament (UE) Nru 655/2014, li jirregola l-eżekuzzjoni transfruntiera ta' pretensjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE, huwa implimentat fil-Ġermanja bi §§ 946 *et seq.* ZPO.

2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Ara l-mistoqsija 3 hawn taħt.

3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

3.1 Il-proċedura

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji huma t-tnejn eżegwibbli?

Iva. Id-deċiżjonijiet ikkonċernati jinkludu sentenzi finali li ma għadhomx miftuħa għal appell jew li huma provviżorjament eżegwibbli (§ 704 ZPO), ordni ta' sekwestru kawtelatorju (*Arrest*) u ordnijiet provviżorji (*einstweilige Verfügungen*, §§ 929, 936 ZPO), u d-dokumenti l-oħra eżegwibbli elenkati fi § 794 ZPO, li jinkludu mhux biss ordnijiet tal-qorti iżda anke saldi mill-ħuqa quddiem tribunal tal-arbitraġġ (*Vergleiche vor Gütestellen*), saldi konklużi minn avukati (*Anwaltsvergleiche*), u atti notarili (*notarielle Urkunden*).

Jenħtieġ li jsir rikors għal ordni tal-qorti li tawtorizza eżekuzzjoni?

Jenħtieġ ordni tal-qorti għall-ordni ta' sekwestru ta' pretensjonijiet u assi oħrajn miżmuma mid-debitur, għal miżuri koerċittivi biex jiżguraw li azzjonijiet jittieħdu u jżommu lura minnhom, u għal eżekuzzjoni obligatorja kontra proprjetà immobbli skont l-Att dwar Irkanti Pubbliċi u Riċevituri.

Liema qorti hija kompetenti biex tordna eżekuzzjoni?

Għall-ordni ta' sekwestru ta' pretensjonijiet tad-debitur: il-qorti lokali (*Amtsgericht*) għall-post fejn jgħix id-debitur.

Biex miżuri koerċittivi jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu jew iżommu lura minnhom: il-qorti ġenerali xierqa.

Għal bejgħ furzat u riċevituri: il-qorti lokali għall-post fejn tinsab il-proprjetà.

Status u setgħat tal-uffiċjal ġudizzjarju

Uffiċjal ġudizzjarju (*Gerichtsvollzieher*) huwa uffiċjal tal-qorti f'*Land*, u huwa taħt il-funzjoni superviżorja tal-imħallef li jippresjedi l-qorti lokali. Madankollu, huwa funzjonalment indipendenti fl-eżerċizzju tal-obbligi ta' eżekuzzjoni tiegħu: din il-funzjoni amministrattiva ma tistax tintuża biex teżerċita influwenza fuqu.

Il-miżuri meħuda u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż imfassla mill-uffiċjal ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati billi titressaq oġġezzjoni (*Erinnerung*). L-istess japplika jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jirrifjuta li jeżegwixxi l-ordni. L-oġġezzjoni tinstema' mill-qorti b'għuridizzjoni għall-eżekuzzjoni.

L-uffiċjal ġudizzjarju huwa responsabbli li jeżegwixxi sentenzi fi kwistjonijiet ċivili skont il-Ktieb 8 taż-ZPO. L-attenzjoni hija fuq l-eżekuzzjoni kontra l-proprjetà mobbli. Hawnhekk l-uffiċjal ġudizzjarju fil-prinċipju jippermetti li d-debitur iħallas bi fħasijiet parzjali, u huwa responsabbli li jiżgura li l-proċedura tal-eżekuzzjoni tiġi konkluża fil-ħin u b'mod effettiv. Wieheċ mill-obbligi primarji tiegħu huwa li jieħu dikjarazzjoni tal-assi taħt għurament mingħand id-debitur.

Oqsma oħra ta' kompetenza jinkludu:

Jirkupra proprjetà mobbli u immobbli (żgumbrament).

Jegħleb ir-reżistenza min-naħa tad-debitur għal azzjonijiet li huwa rikjest li jippermetti.

Joffri s-servizz, fuq talba ta' parti, ta' dokumenti rikjesti għall-eżekuzzjoni obligatorja.

Jeżegwixxi l-ordnijiet għal ordni ta' sekwestru kawtelatorju u ordnijiet provviżorji (meta din ma tkunx kwistjoni għall-qorti).

Jeżegwixxi mandat ta' arrest wara rifjut ta' forniment tad-dikjarazzjoni tal-assi.

Ir-rikors għal eżekuzzjoni jrid isir mingħand operatur fil-qasam tal-ġustizzja?

Il-qorti b'għuridizzjoni f'rikorsi għal eżekuzzjoni normalment hija l-qorti lokali, meta r-rappreżentanza legali ma tkunx obligatorja.

Biex miżuri koerċittivi jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu jew iżommu lura minnhom, irid isir rikors quddiem il-qorti ġenerali xierqa, li f'ċerti ċirkustanzi tista' tkun qorti superjuri (il-qorti reġjonali (*Landgericht*)), meta fil-prinċipju r-rappreżentanza legali hija meħtieġa.

Spejjeż ta' miżuri ta' eżegwibbiltà

Il-ligji tipprevedi metodi differenti ta' eżegwibbiltà, skont il-pretensjoni li trid tiġi żgurata. Il-miżuri ta' eżegwibbiltà differenti għandhom spejjeż differenti:

a. Ordni ta' sekwestru ta' oġġetti

Meta d-dritt għal pagament ta' somma ta' flus speċifika jiġi aċċettat, il-kreditur jista' jitlob lill-uffiċjal ġudizzjarju biex jeżegwixxi l-pagament. Miżata ta' EUR 26 hija pagabbli għal ordni ta' sekwestru tal-proprjetà mobbli tad-debitur mill-uffiċjal ġudizzjarju, skont il-punt 205 tal-iskeda tal-miżati (*Kostenverzeichnis* – KV) annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieherkostengesetz* – GvKostG). Għall-bejgħ tal-oġġetti sekwestrati, għal irkant pubbliku (li jista' jkun irkant lokali jew irkant fuq l-internet aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' pjattaforma tal-irkant), jew għal realizzazzjoni f'xi forma oħra, hemm miżata addizzjonali ta' EUR 52 li hija pagabbli skont il-punt 300 tal-iskeda tal-miżati. Jiġi impost ukoll fħas addizzjonali għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda,

jekk ir-rapport imfassal mill-uffiċjali ġudizzjarju jindika li l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tkun ħadet iktar minn tliet sigħat. Il-ħlas addizzjonali jammonta għal EUR 20 għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha. Barra minn hekk, hemm l-ispejjeż tal-uffiċjal ġudizzjarju, speċjalment fil-forma ta' spejjeż tal-ivvjaġġar (il-punt 711 tal-iskeda tal-miżati).

b. Ordni ta' sekwestru ta' pretensjonijiet miżmuma mid-debitur:

Ordni biex tiġi tiffallas somma ta' flus tista' tiġi żgurata wkoll permezz ta' rikors quddiem il-qorti għal ordni ta' sekwestru ta' pretensjoni miżmuma mid-debitur (pereżempju għall-pagament ta' rikavati) u iċ-ċessjoni ta' għali lill-kreditur, b'pagamenti li jtnaqqsu mid-dejn (*zur Einziehung*, "għall-ġbir") jew iċ-ċessjoni sservi ta' saldu tal-pretensjoni tal-kreditur fuq id-debitur (*an Zahlungs statt*, "minflok pagament") (§§ 829, 835 ZPO). Bħala regola, ordni ta' sekwestru u iċ-ċessjoni ta' pretensjoni isir rikors għalihom b'mod konġunt u kkombinat f'deċiżjoni ta' ordni ta' sekwestru u iċ-ċessjoni. Madankollu, miżata ta' EUR 20 biss hija pagabbli għall-proċedimenti fuq ir-rikorsi, skont il-punt 2111 tal-iskeda tal-miżati (*Kostenverzeichnis – KV*) annessi mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieherkostengesetz – GvKostG*). L-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż tan-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti, jiġu imposti separatament, skont il-Parti 9 tal-istess skeda ta' miżati.

c. Teħid ta' dikjarazzjoni ta' assi

L-uffiċjal ġudizzjarju jimponi miżata ta' EUR 33 biex tittieħed dikjarazzjoni ta' assi, skont il-punt 260 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji.

d. Eżekuzzjoni kontra proprjetà immobbli

L-eżekuzzjoni obbligatorja kontra l-proprjetà immobbli tad-debitur tiegħu l-forma ta' self ipotekarju mdaħħal fir-reġistru tal-artijiet, jew bejgħ furzat jew riċevituri tal-proprjetà.

Għad-dħul ta' self ipotekarju fir-reġistru tal-artijiet biex tiġi żgurata pretensjoni, miżata hija pagabbli, skont il-punt 14121 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti u tan-Nutara (*Gerichts- und Notarkostengesetz – GNotKG*), bir-rata ta' 1 % tal-valur tal-pretensjoni biex tiġi żgurata (§ 53(1) tal-Att). Fl-Anness 1 hemm tabella tal-miżati għal valuri sa massimu ta' EUR 3 miljun.

Il-miżati tal-qorti għal proċeduri skont l-Att dwar Bejgħ Furzat u Riċevituri huma determinati mill-Parti 2, Taqsima 2, Subpartijiet 1 u 2 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti. Miżata ta' EUR 100 hija pagabbli għal deċiżjoni dwar rikors għal ordni għall-bejgħ furzat ta' art jew dwar rikjesta bħala intervenjent fil-proċeduri. Hemm ukoll miżata għall-proċeduri bħala tali, miżata biex jinżamm mill-inqas irkant wieħed bi proċedura miftuħa, miżata biex jiġi konkluż il-bejgħ, u miżata biex jitqassmu r-rikavati; kull waħda minn dawn il-miżati tammonta għal 0.5 %. Il-miżati għall-proċeduri u biex jinżamm l-irkant huma determinati b'referenza għall-valur tal-proprjetà aċċettata mill-qorti ta' eżekuzzjoni (valur tas-suq, § 54(1) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). Il-miżati biex jiġi konkluż il-bejgħ u jitqassmu r-rikavati huma determinati abbażi tal-offerta rebbieħa, wara li jtnaqqas l-imgħax, inkluż il-valur ta' kwalunkwe drittijiet pendenti skont it-termini tal-irkant (§ 54(2) u (3) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). Fl-Anness 2 hemm tabella tal-miżati għal valuri sa massimu ta' EUR 500 000. Apparti l-miżati, l-ispejjeż imġarrba fil-proċeduri jiġu imposti separatament, skont il-Parti 9 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti; dawn jinkludu l-ispejjeż pagabbli għall-valwazzjoni ta' sfharriġ tal-valur tas-suq tal-proprjetà skont l-Att dwar ir-Remunerazzjoni Ġudizzjarja u l-Kumpens (*Justizvergütungs- und entschädigungsgesetz – JVEG*) (il-punt 9005 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti).

Miżata ta' EUR 100 hija pagabbli għal deċiżjoni dwar ir-rikors għal ordni ta' riċevitura jew dwar rikjesta bħala intervenjent fil-proċeduri. Ir-riċevitura stess hija soġġetta għal miżata annwali bir-rata ta' 0.5 %, b'minimu ta' EUR 120 b'mod ġenerali u minimu ta' EUR 60 f'kull wieħed mill-ewwel u l-aħħar snin kalendarji. L-ammont tal-miżata huwa determinat b'referenza għad-dħul totali mir-riċevitura (§ 55 tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti).

e. Rkupru u miżuri koerċittivi li jiżguraw li l-azzjonijiet jittieħdu, jiġu permessi jew iżommu lura minnhom

Jekk id-debitur ikun rikjest li jċedi l-proprjetà mobbli, il-proprjetà trid tiġi rkuprata mingħand id-debitur permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju u tgħaddi għand il-kreditur. Għal dan l-att uffiċjali, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi miżata ta' EUR 26, skont il-punt 221 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. Apparti din il-miżata, jiġi impost ħlas addizzjonali għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, jekk ir-rapport imfassal mill-uffiċjal ġudizzjarju jindika li l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tkun ħadet iktar minn tliet sigħat. Il-ħlas addizzjonali jammonta għal EUR 20 għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha.

Jekk id-debitur ikun meħtieġ iċedi proprjetà immobbli, l-uffiċjal ġudizzjarju irid jieħu l-pussess mingħand id-debitur u jagħti l-pussess lill-kreditur (żgumbrament). Tiġi imposta miżata ta' EUR 98 skont il-punt 240 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. Hawnehkk ukoll jiġi impost ħlas addizzjonali ta' EUR 20 għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha, jekk l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tiegħu aktar minn tliet sigħat. Barra minn hekk, jiġu imposti wkoll l-ispejjeż tal-uffiċjal ġudizzjarju, inkluż l-ispejjeż tas-servizzi meħtieġa pprovduti minn partijiet terzi, bħall-ġarr jew is-servizzi ta' ħaddied li jagħmel u jsewwi s-serraturi.

Fil-proċeduri quddiem il-qorti biex igieghu l-t-wettiq ta' azzjoni (jekk tista' titwettaq biss mid-debitur jew jekk tista' titwettaq minn persuna oħra f'postu), biex jippermettu azzjoni, jew biex iżommu lura minn azzjoni, hemm miżata tal-qorti pagabbli li tammonta għal EUR 20 f'kull każ, skont il-punt 2111 tal-iskeda tal-miżati annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti.

3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-kreditur irid ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' eżekuzzjoni li jistabbilixxi l-pretensjoni tiegħu. Dan jista' jkun sentenza finali li ma għadhiex miftuħa għal appell jew provviżorjament eżegwibbli (§ 704 ZPO) jew wieħed mid-dokumenti elenkati fi § 794 ZPO (pereżempju saldi ġudizzjarji (*gerichtlicher Vergleich*), ordni ta' eżekuzzjoni (*Vollstreckungsbescheid*), jew att notarili). Bħala regola ġenerali d-dokument irid ikun fih ċertifikat ta' eżegwibbiltà tal-qorti (*Vollstreckungsklausel*) u jrid ikun ġie nnotifikat lid-debitur. Ċertifikat ta' eżegwibbiltà tal-qorti huwa meħtieġ biss f'każijiet eċċezzjonali għal ordnijiet ta' eżekuzzjoni, ordnijiet ta' sekwestru provviżorji u ordnijiet provviżorji (§ 796 ZPO; §§ 929(1), 936 ZPO).

4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

L-assi mobbli, il-pretensjonijiet u drittijiet oħra ta' proprjetà u proprjetà immobbli tad-debitur jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni.

§ 811 ZPO jispeċifika l-assi mobbli li ma jistgħux jiġu sekwestrati; l-għan huwa li d-debitur u l-unità domestika tiegħu jitħallew iżommu l-minimu essenzjali għal użu personali jew professjonali.

Japplikaw ukoll reskrizzjonijiet fuq l-ordni ta' sekwestru għad-dħul li jkun qala' d-debitur. §§ 850 *et seq.* ZPO jipprevedu ċerti ammonti li ma jistgħux jiġu sekwestrati, billi d-debitur għandu bżonnhom biex jipprovidi għas-sussistenza tiegħu. Bilanċi ta' kreditu jistgħu jiġu protetti f'"kont eżenti mis-sekwestru" (*Pfändungsschutzkonto*, § 850k ZPO). Ċerti ammonti eżenti mis-sekwestru jinżammu f'dawn il-kontijiet irrappreżentant mill-orijini tal-bilanċ ta' kreditu.

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Rigward id-debitur

L-eżekuzzjoni kontra l-proprjetà mobbli tad-debitur isseħħ permezz ta' ordni ta' sekwestru u r-realizzazzjoni tal-proprjetà sekwestrata. Il-pretensjonijiet u drittijiet miżmuma mid-debitur kontra partijiet terzi huma sekwestrati b'inġunzjoni ta' eżekuzzjoni. Fiż-żewġ każijiet, l-ordni ta' sekwestru huwa att uffiċjali li jwassal għall-konfiska tal-oġġett issekwestrat. Fost effetti oħrajn, il-konfiska ċċaħħad lid-debitur mill-kontroll tal-oġġett.

Rigward partijiet terzi

Jekk l-uffiċjal gudiżzarju jkun issekwestra l-proprjetà immobbli li tkun tappartjeni mhux għad-debitur iżda għal parti terza, il-parti terza tista' topponi s-sekwestru tal-proprjetà tiegħu permezz ta' oġġezzjoni ta' parti terza (*Drittwiderrspruchsklage*).

Meta l-pretensjonijiet miżmuma mid-debitur kontra parti terza jiġu sekwestrati u ċeduti, il-parti terza ma tibqax tħallas lid-debitur; hija tista' tħallas pretensjoni li tkun ġiet ċeduta lil kreditur għal tnaqqis mill-pretensjoni tad-debitur lill-kreditur biss, u dan jirrilaxxaha mid-dejn tagħha. Parti terza li tikser dan l-obbligu tiffaċċja r-riskju ta' azzjoni għal danni.

4.3 X'inhi l-valdità ta' miżuri bħal dawn?

Il-pretensjonijiet li ma għadhomx miftuħa għal appell u l-pretensjonijiet taħt saldi jew atti eżegwibbli huma soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' 30 sena skont § 197 tal-Kodiċi Ċivili (BGB). Il-kreditur jista' jibda proċeduri ta' eżekuzzjoni fi kwalunkwe żmien matul dak il-perjodu.

5 Hemm possibiltà li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Ma hemm l-ebda proċedura skont il-liġi Ġermaniża biex tingħata eżekuzzjoni.

Id-debitur jista' joġġezzjona għall-miżuri meħuda kontrih bħala parti mill-proċeduri ta' eżekuzzjoni. Jista' joġġezzjona (*Erinnerung*) kontra l-manjiera tal-eżekuzzjoni. Jista' jressaq ilment immedjat (*Beschwerde*) kontra deċiżjoni meħuda fi proċeduri fejn ma tkun saret l-ebda seduta tas-smiġh. Dan l-ilment jista' jitressaq f'perjodu ta' ġimgħatejn quddiem il-qorti li jopponi għad-deċiżjoni tagħha, u dan jista' jreġġa' lura d-deċiżjoni tagħha stess, jew quddiem il-qorti reġjonali, bħala qorti tal-appell.

Ir-rikors ta' dan ir-rimedju ma għandu l-ebda impatt immedjat fuq il-kontinwazzjoni tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni mibdija; ma hemm l-ebda effett sospensiv.

6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Ara l-mistoqsija 4 hawn fuq.

Anness 1

Valur kummerċjali sa massimu ta' EUR ...	Miżata Tabella B EUR ...	Valur kummerċjali sa massimu ta' EUR ...	Miżata Tabella B EUR ...	Valur kummerċjali sa massimu ta' EUR ...	Miżata Tabella B EUR ...
500	15.00	200 000	435.00	1 550 000	2 615.00
1 000	19.00	230 000	485.00	1 600 000	2 695.00
1 500	23.00	260 000	535.00	1 650 000	2 775.00
2 000	27.00	290 000	585.00	1 700 000	2 855.00
3 000	33.00	320 000	635.00	1 750 000	2 935.00
4 000	39.00	350 000	685.00	1 800 000	3 015.00
5 000	45.00	380 000	735.00	1 850 000	3 095.00
6 000	51.00	410 000	785.00	1 900 000	3 175.00
7 000	57.00	440 000	835.00	1 950 000	3 255.00
8 000	63.00	470 000	885.00	2 000 000	3 335.00
9 000	69.00	500 000	935.00	2 050 000	3 415.00
10 000	75.00	550 000	1 015.00	2 100 000	3 495.00
13 000	83.00	600 000	1 095.00	2 150 000	3 575.00
16 000	91.00	650 000	1 175.00	2 200 000	3 655.00
19 000	99.00	700 000	1 255.00	2 250 000	3 735.00
22 000	107.00	750 000	1 335.00	2 300 000	3 815.00
25 000	115.00	800 000	1 415.00	2 350 000	3 895.00
30 000	125.00	850 000	1 495.00	2 400 000	3 975.00
35 000	135.00	900 000	1 575.00	2 450 000	4 055.00
40 000	145.00	950 000	1 655.00	2 500 000	4 135.00
45 000	155.00	1 000 000	1 735.00	2 550 000	4 215.00
50 000	165.00	1 050 000	1 815.00	2 600 000	4 295.00
65 000	192.00	1 100 000	1 895.00	2 650 000	4 375.00
80 000	219.00	1 150 000	1 975.00	2 700 000	4 455.00
95 000	246.00	1 200 000	2 055.00	2 750 000	4 535.00
110 000	273.00	1 250 000	2 135.00	2 800 000	4 615.00
125 000	300.00	1 300 000	2 215.00	2 850 000	4 695.00
140 000	327.00	1 350 000	2 295.00	2 900 000	4 775.00
155 000	354.00	1 400 000	2 375.00	2 950 000	4 855.00
170 000	381.00	1 450 000	2 455.00	3 000 000	4 935.00
185 000	408.00	1 500 000	2 535.00		

Anness 2

Ammont mitlub sa massimu ta' EUR ...	Miżata EUR ...	Ammont mitlub sa massimu ta' EUR ...	Miżata EUR ...
500	35.00	50 000	546.00
1 000	53.00	65 000	666.00
1 500	71.00	80 000	786.00
2 000	89.00	95 000	906.00
3 000	108.00	110 000	1 026.00
4 000	127.00	125 000	1 146.00
5 000	146.00	140 000	1 266.00

6 000	165.00	155 000	1 386.00
7 000	184.00	170 000	1 506.00
8 000	203.00	185 000	1 626.00
9 000	222.00	200 000	1 746.00
10 000	241.00	230 000	1 925.00
13 000	267.00	260 000	2 104.00
16 000	293.00	290 000	2 283.00
19 000	319.00	320 000	2 462.00
22 000	345.00	350 000	2 641.00
25 000	371.00	380 000	2 820.00
30 000	406.00	410 000	2 999.00
35 000	441.00	440 000	3 178.00
40 000	476.00	470 000	3 357.00
45 000	511.00	500 000	3 536.00

L-aħħar aġġornament: 25/01/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.